- *giljottina*

**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 6 ta' Mejju 2021.**

**Rikors Nru. 896/2020 GM**

**Pauline Debono (K.I. 0676160M)**

**vs**

**Paul Falzon (K.I. 422060M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat ta' Pauline Debono li permezz tiegħu wara li ppremettiet illi :

Kellha ħamsa u għoxrin elf ewro (€25,000) għand Paul Falzon.

Il-konvenut, nhar l-21 ta' Ġunju 2019, iffirma dikjarazzjoni li huwa qiegħed jagħti lura l-ammont ta' disat elef ewro (€9,000) flus kontanti parti mill-imsemmija ħamsa u għoxrin elf ewro (€25,000), u b'hekk huwa kien konsapevoli li ser jkun fadal sittax-il elf ewro (€16,000).

Mid-dokumenti annessi jirriżulta bl-aktar mod ampju u ċar li l-konvenut huwa debitur tal-attrici .

Għalhekk l-attrici għanda d-dritt illi teżiġi li titħallas direttament mingħand il-konvenut cioe` s-somma ta` sittax-il elf ewro (€16,000), u dan apparti l-imgħax relattiv.

L-attriċi tikkonferma li dan id-debitu huwa ċert likwidu u dovut u di piu fl-opinjoni tal-attriċi l-konvenut ma għandu ebda eċċezzjonijiet x'jagħti u għalhekk il-kawża tista` tiġi deċiża abbażi tal-artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Talbet lil din il-Qorti sabiex:

[1] taqta` u tiddeċiedi l-kawża abbażi tal-artikolu 167 tal-Kapitolu 12 u cioe` bid-dispensa tas-smigħ;

[2] tiddikjara lill-konvenut bħala debitur tal-attrici fis-somma ta' sittax-il elf ewro (€16,000), jew somma oħra verjuri;

[3] tiddikjara u tordna lill-konvenut iħallas lill-attrici s-somma ta' sittax-il elf ewro (€16,000), hekk likwidata. Kollox skont kif ġie dikjarat aktar 'l fuq u għar-raġunijiet premessi.

Bl-imgħax u bl-ispejjeż kontra l-konvenut.

Rat illi l-konvenut, muri d-dikjarazzjoni fid-dokument a fol 8 li fih hemm iddikjarat mill-attriċi li kien qiegħed jagħtiha €9,000 mill-€25,000 li kellu fil-pussess tiegħu u li għalhekk kien fadallu €16,000 x'jagħtiha, bil-firma tal-attriċi kif ukoll, allegatament, tiegħu, xehed fis-seduta tad-29 t'Ottubru 2020 b'mod evażiv għall-aħħar u xeħet dubju jekk il-firma kinitx tiegħu.

Rat illi l-Qorti ħatret espert kalligrafu li permezz ta' rapport tal-24 ta' Marzu 2021 ikkonfermat li l-firem fuq l-imsemmija dikjarazzjoni kienu tal-partijiet kontendenti.

Rat li fis-17 ta' Marzu 2021 u ċjoe` qabel il-preżentata tar-rapport tal-espert ġudizzjarju – u għalhekk irritwalment - il-konvenut talab il-ħatra ta' periti perizjuri.

Rat ir-rapport ta' Alberta Borg, li tistqarr li hi espert kalligrafu, ex parte tal-attur, ippreżentat waqt l-udjenza tad-29 t'April 2021 u bla ma talab il-permess tal-Qorti li skontu hemm xi differenzi bejn il-firma tal-konvenut fuq l-imsemmija dikjarazzjoni u firem oħra tiegħu iżda ma kkonstatatx jekk hix awtentika jew le filwaqt li ma rrelatatx fuq il-firma tal-attriċi.

Semgħet id-depożizzjoni tal-attriċi li permezz tagħha kkonfermat it-talbiet tagħha bil-ġurament.

Rat li l-konvenut ma tax prova bil-ġurament tiegħu, jew xort'oħra li fil-fehma tal-Qorti hi biżżejjed biex turi li għandu eċċezzjonijiet *prima facie*, fil-liġi jew fil-fatt xi jġib kontra l-mertu tal-azzjoni u ddifferiet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

***Decide***

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq premessi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:

[1] Tilqa' l-ewwel talba billi taqta` u tiddeċiedi l-kawża abbażi tal-artikolu 167 tal-Kapitolu 12 u cioe` bid-dispensa tas-smigħ;

[2] Tilqa' t-tieni talba billi tiddikjara lill-konvenut bħala debitur tal-attriċi fis-somma ta' sittax-il elf ewro (€16,000) għar-raġunijiet premessi fir-rikors promotur.

[3] Tilqa' t-tielet talba billi tordna lill-konvenut iħallas lill-attriċi s-somma ta' sittax-il elf ewro (€16,000).

Bl-imgħax mill-21 ta' Ġunju 2019 sad-data tal-ħlas effettiv u bl-ispejjeż kontra l-konvenut.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF
GRAZIO MERCIECA